MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2006

Numru 953/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**RUTH SALIBA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Ruth Saliba ta' 41 sena, bint Lino u Agnes nee' Pace, imwielda Zejtun fid-29 ta' Ottubru, 1964, residenti f' 'Belami', Flat 2, Triq Salvu Buhagiar, Marsaskala, u detentrici tal-karta ta' l-idenititia' bin-numru 554864(M) giet akkuzata talli:

F’dawn il-Gzejjer, f’Marzu tas-sena 2006 u fis-snin ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, approprijat ruhha, billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe’ hadet u zammet ghandha flus tas-Socjeta’ Maltija tas-Salib l-Ahmar, liema flus jeccedu l-elf lira Maltin, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann jew billi wriet haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh li jeccedi l-elf lira Maltin ghad-dannu tas-Socjeta’ Maltija tas-Salib l-Ahmar.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa’ iddikjara li b’referenza ghat-tieni akkuza din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza u ghaldaqstant talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza.

Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara wkoll fil-Verbal tas-Seduta tallum li stante li f’din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni li f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-

hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Innutat li l-imputata fl-ezami taghha wiegbet li hi hatja tal-ewwel akkuza.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u tatha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja tal-ewwel akkuza migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa' iddikjara li l-imputata kkoperat mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-Artikoli 18, 31, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Ruth Saliba, fuq ammissjoni, hatja tal-ewwel akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta tal-imputata u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa iddikjara li l-imputata kkoperat mal-Pulizija u wara li rat l-Artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputata Ruth Saliba ghall-piena ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' erba' (4) snin millum l-imputata Ruth Saliba tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward it-tieni akkuza, il-Qorti fid-dawl ta' dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa' fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-akkuza u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tastjeni milli tiehu konjizzjoni

ulterjuri ta' din it-tieni akkuza stante li din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghal-ewwel akkuza.

Inoltre il-Qorti fid-dawl ta' dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa' fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni li f'kaz ta' htija il-Qorti tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba.

Il-Qorti qed taghti lill-imputata Ruth Saliba l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti tordna a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li kopja ta' din is-Sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------